

Ir-rikorrenzi, barra minn dan, isostnu li d-Direttiva dwar it-trasparenza tar-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri u l-impriżi pubbliċi ⁽¹⁾ ma kinitx osservata f'dan il-każ.

⁽¹⁾ Direttiva tal-Kummissjoni 2006/111/KE, tas-16 ta' Novembru 2006, dwar it-trasparenza tar-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri u l-impriżi pubbliċi kif ukoll dwar it-trasparenza finanzjarja f'ċerti impriżi (ĠU L 318, p. 17).

Rikors ippreżentat fit-2 ta' April 2008 — ERNI Electronics vs L-UASI (MaxiBridge)

(Kawża T-132/08)

(2008/C 142/56)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenzi: ERNI Electronics GmbH (Adelberg, il-Ġermaniż) (rappreżentant: N. Breitenbach, Rechtsanwalt)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Talbiet tar-rikorrenzi

- tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord ta' l-Appell ta' l-UASI tat-30 ta' Jannar 2008 fil-każ R 1530/2006-4;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż, inklużi dawk sostnuti fl-appell.

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark verbali "MaxiBridge" għal prodotti fil-klassi 9 u 17 (applikazzjoni Nru 4 899 647).

Deċiżjoni ta' l-eżaminatur: ċaħda ta' l-applikazzjoni.

Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell: ċaħda ta' l-appell.

Motivi invokati: ksur ta' l-Artikolu 7(1)(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 ⁽¹⁾, safejn it-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni ma tikkostitwixxix indikazzjoni deskrittiva li għandha tinżamm disponibbli.

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 ta' l-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU 1994, L 11, p. 1).

Rikors ippreżentat fit-3 ta' April 2008 — Schröder vs CPVO — Jørn Hansson (Lemon Symphony)

(Kawża T-133/08)

(2008/C 142/57)

Lingwa tar-rikors: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenzi: Ralf Schröder (Lüdinghausen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: T. Leidereiter u W.-A. Schmidt, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Komunità għall-Varjetajiet ta' Pjanti (CPVO)

Parti oħra fil-proċeduri quddiem il-Bord ta' l-Appell tas-CPVO: Jørn Hansson (Søndersø, id-Danimarka)

Talbiet tar-rikorrenzi

- tannulla d-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell tas-CPVO ta' l-4 ta' Diċembru 2007 (Każ A 007/2007) u tiddikjara li l-adattament tad-deskrizzjoni tal-varjetajiet għall-varjetà tal-pjanta Lemon Symphony hija nulla u bla effett;
- sussidjarjament, tannulla d-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell tas-CPVO ta' l-4 ta' Diċembru 2007 (Każ A 007/2007);
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Dritt ta' protezzjoni Komunitarja tal-varjetajiet ta' pjanti: Lemon Symphony

Proprietarju: Jørn Hansson

Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell ta' l-Uffiċċju tal-Komunità għall-Varjetajiet ta' Pjanti li qed tiġi kkontestata: L-adattament ta' deskrizzjoni tal-varjetajiet skond l-Artikolu 87(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94, tas-27 ta' Lulju 1994 ⁽¹⁾

Appellant quddiem il-Bord ta' l-Appell: Ir-rikorrenzi

Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell: Ċaħda ta' l-appell

Motivi invokati:

- Ksur ta' l-Artikolu 59(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1239/95 ⁽²⁾ peress li r-rikorrenzi ma ġiex imħarrek għas-seduta skond kif meħtieġ;
- Ksur ta' l-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 2100/94 peress li r-rikorrenzi ma setax jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu, la b'mod orali u lanqas bil-miktub, dwar in-nuqqas ta' locus standi;